MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2371/2003

**Maria Assunta Pane`**

**Vs**

**Antonio Pane`**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta Novembru 2003 fejn l- attrici qed titlob li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta tliet mitt lira (Lm300) rapprezentanti tliet pagamenti mensili ta Lm100 kull wahda dovuta ghax-xhur ta Settembru,Ottubru u Novembru 2003 ai termini ta' skrittura privata dwar hlasijiet dovuta in konnessjoni ma l-assenjazzjoni ta sehem l-attrici fuq fond u garage gewwa r-Rabat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta mandat ta sekwestru kawtelatorju nru 2438/03 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 ta Dicembru 2003 fejn giet kontestata t-talba attrici stante li l-ammont pretiz ma jirriflettix il-pagamenti mensili miftiehma bejn il-kontendenti.

Ikkunsidra.

Il-kontendenti kienu mizzewga lil xulxin u skond il-kuntratt ta separazzjoni l-fond u l-garage msemmija f’dan l-avviz kienu baqghu mizmuma fi proprjeta komuni bejniethom. In segwitu pero, hija kienet assenjat is-sehem taghha fuq dawn iz-zewg fondi lil zewgha u dana skond kuntratt tan-Nutar Abela. L-attrici tallega li oltre ghal dak stipulat fil-kuntratt, huma kienu ftiehmu wkoll li zewgha kellu jhallasha somma ohra ta flus u cioe dik fl-ammont ta Lm14,000 liema ftehim tnizzel fuq karta ffirmata bejniethom. Issostni li l-bilanc miftiehem kellu jithallas permezz ta pagamenti mensili ta Lm65. In segwitu u cioe f’Marzu 2003 ftiehmu li l-pagament ta kull xahar kellu joghla ghal Lm100 flok Lm65. Meta naqas li jhallas ghax-xhur meritu ta dina l-kawza, l-attrici ntavolat il-proceduri odjerni u wara xi ftit il-konvenut hallasha zewg pagamenti ta Lm65 li hija accettat.

Tiziana Pane` bint il-kontendenti tikkonferma piu o meno t-tezi ta ommha nkluz tikkoroborha fit-tibdil tal-ftehim dwar ir-rata mensili u dana tafu b’mod partikolari ghax missierha kien ighaddi l-pagament lilha u li liema pagament kien waqaf f’Awissu 2003. Dan ix-xenarju gie kkonfermat ukoll permezz tal-affidavit ta’ Maria Assunta Pane’, omm l-attrici.

Il-konvenut jikkonferma li kien ihallas lil martu is-somma ta Lm65 fix-xahar pero`, jallega li kien hemm drabi li hallas aktar minn hekk mhux minnhabba xi tibdil fil-ftehim izda sabiex ipatti ghad-drabi meta kien ifalli xi pagament mensili. Ghalkemm ma zammx rendikont tal-pagamenti minnu maghmula pero jikkonferma li huwa ghandu kopja ta Dok MAP 1. Huwa jghid li fil-fatt baqa jhallas ferm wara l-ahhar data ndikata f’dan id-dokument tant li baqa jhallas lil martu sa Marzu 2004 u pprezenta dokument mmarkat

Dok AP 1 biex jipprova dan kollu. Hu jghid li f'dak in-nhar li xehed cioe fl-4 ta Ottubru 2004 l-ammont dovut kien gia jinsab saldat. Huwa jichad li kien sar ftehim gdid ta tibdil fir-rati mensili cioe minn Lm65 ghal Lm100.

Illi ta min jinnota li Dok MAP 1 jindika li fix-xhur ta Settembru, Ottubru u Novembru, l-konvenut ma ghamilx pagamenti filwaqt li dawk ta Dicembru 2003 u Jannar 2004 kienu fl-ammont ta Lm65 flok Lm100. Illi ta min jinnota li d-dokument esebit mill-konvenut mmarkat Dok AP 1 huwa l-istess bhal dak prezentat mill-attrici Dok Map 1 bid-differenza li l-konvenut kompla jindika l-pagamenti li huwa kien ghamel in segwitu tal-prezentata tal-kawza, liema pagamenti komplew jigu murija fuq id-Dokument AP 2. Illi ghalhekk mid-dokument li pprezenta huwa stess ghandu jirrizulta li tassew ma kienux saru pagamenti fix-xhur meritu ta dina l-kawza. Il-kwistjoni kollha bejn il-kontendenti hi jekk kellhomx ikunu ta Lm65 jew ta Lm100.

Jigi osservat li ghalkemm il-ftehim originali baqa qatt ma gie pprezentat, iz-zewg partijiet jaqblu li originarjament il-pagamenti mensili kellhom ikunu ta Lm65. Dwar jekk hux minnu o meno jekk kinietx saret tibdila fir-rata, dan it-Tribunal huwa propens biex jemmen aktar lill-attrici u lix-xhieda minnha migjuba u mhux lill-konvenut anke minnhabba l-fatt li kemm minn Dok MAP 1 u kif ukoll DOK AP1 jirrizulta li wara l-allegat ftehim, il-konvenut ghamel mhux anqas minn sitt pagamenti konsekuttivi mensili ta Lm100 kul wahda liema fattur huwa ndizju car ta x'gie miftiehem tassew bejn il-konjugi Pane`.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa t-talba attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma kif mitluba ta tlett mitt lira (Lm300) bl-imghax legali dekorribbli minn-notifika ta dan l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza nkluz dak tal-mandat ta sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------